2) L-applikabbiltà tal-Artikolu 132(1)(ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud — fil-każ li din id-dispożizzjoni tal-aħħar hija applikabbli — teħtieġ li jkun hemm relazzjoni ta' fiduċja bejn it-tabib u l-persuna mogħtija l-kura?

([1]) ĠU 2006 L 347, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichtshofs (l-Awstrija) fit-28 ta' Diċembru 2017 – Mohammed Bilali

(Kawża C-720/17)

(2018/C 104/20)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Mohammed Bilali

Konvenut: Bundesamt für Fremdenwesen und Asyl

Domanda preliminari

Id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 19(3) tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 ([1]), jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali ta' Stat Membru, dwar il-possibbiltà li jiġi rrevokat l-istatus ta' benefiċjarju tal-protezzjoni sussidjarja, li tipprovdi li l-istatus ta' benefiċjarju tal-protezzjoni sussidjarja jista' jiġi rrevokat mingħajr ma ċ-ċirkustanzi fattwali stess li mmotivaw l-għoti tal-istatus ikunu nbidlu, iżda jkun biss l-istat tal-għarfien tal-awtoritajiet fir-rigward ta' dawn iċ-ċirkustanzi fattwali li jkun inbidel u li, f'dan ir-rigward, la alterazzjonijiet u lanqas ommissjonijiet ta' fatti min-naħa taċ-ċittadin tal-pajjiż terz jew tal-persuna mingħajr Stat ma kellhom rwol determinanti fid-deċiżjoni li jingħata l-istatus ikkonferit mill-protezzjoni sussidjarja?

([1]) Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU 2011, L 337, p. 9).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank van eerste aanleg te Brussel (il-Belġju) fid-29 ta' Diċembru 2017 – Lies Craeynest *et* vs Brussels Hoofdstedelijk Gewest u Brussels Instituut voor Milieubeheer; il-parti l-oħra: Belgische Staat

(Kawża C-723/17)

(2018/C 104/21)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Rechtbank van eerste aanleg te Brussel

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Lies Craeynest, Cristina Lopez Devaux, Frédéric Mertens, Stefan Vandermeulen, Karin De Schepper, Clientearth vzw

Konvenuti: Brussels Hoofdstedelijk Gewest, Brussels Instituut voor Milieubeheer

Il-parti l-oħra: Belgische Staat

Domandi preliminari

1) L-Artikolu 4(3) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, moqrija flimkien mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2008/50/KE ([1]) (tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta huwa allegat li Stat Membru ma installax il-punti ta' kampjunament f'żona konformement mal-kriterji previsti fil-punt 1(a) tal-Parti B tal-Anness III tad-direttiva ċċitata iktar 'il fuq, hija l-qorti nazzjonali li għandha teżamina, fuq it-talba ta' individwi direttament ikkonċernati mill-qbiż tal-valuri limitu previsti fl-Artikolu 13(1) ta' din id-direttiva, jekk il-punti ta' kampjunament ġewx installati konformement ma' dawn il-kriterji u, jekk dan ma jkunx il-każ, li jittieħdu fir-rigward tal-awtorità nazzjonali l-miżuri neċesssarji kollha, bħal ordni, sabiex il-punti ta' kampjunament ikunu konformi ma' dawn il-kriterji?

2) Ikun hemm qbiż ta' valur limitu fis-sens tal-Artikolu 13(1) u tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50/KE (tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa, meta r-riżultati tal-miżuri mwettqa f'punt ta' kampjunament wieħed previst fl-Artikolu 7 ta' din id-direttiva jippermettu li jiġi kkonstatat li valur limitu, stabbilit mill-Anness XI ta' din id-direttiva għall-medja kkalkolata kull sena kalendarja, huwa maqbuż jew ikun hemm qbiż f'dan is-sens unikament meta dan jirriżulta mill-medja tar-riżultati tal-miżuri tal-punti ta' kampjunament kollha ta' żona partikolari fis-sens ta' din id-direttiva?

([1]) Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU 2008, L 152, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-tribunal de première instance francophone de Bruxelles (il-Belġju) fit-28 ta' Diċembru 2017 – Edward Reich, Debora Lieber, Ella Reich, Ezra Bernard Reich vs Koninklijke Luchtvaart Maatschappij NV

(Kawża C-730/17)

(2018/C 104/22)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal de première instance francophone de Bruxelles

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Edward Reich, Debora Lieber, Ella Reich, Ezra Bernard Reich

Konvenuta: Koninklijke Luchtvaart Maatschappij NV

Domanda preliminari

L-Artikoli 3, 5, 6 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 ([1]) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament 261/2004") għandhom jiġu interpretati fis-sens li meta trasportatur tal-ajru, li jopera u Komunitarju, fis-sens ta' dan ir-Regolament 261/2004, jikkonkludi kuntratt ta' trasport bl-ajru ta' passiġġieri ma' konsumaturi li jinkludi traġitt bil-ferrovija minn stazzjon tal-ferrovija li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru, li fih huma ddomiċiljati dawn il-konsumaturi, lejn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li minnu l-konsumaturi jieħdu t-tijira tagħhom lejn id-destinazzjoni finali tagħhom, jiġifieri ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat terz, meta dawn il-konsumaturi ma għandhom ebda rabta legali mal-kumpannija li topera t-traġitt bil-ferrovija iżda b'mod ċar it-trasportatur tal-ajru għandu ftehimiet magħha u t-traġitt bil-ferrovija, inkluż fil-kuntratt, kellu dewmien sinjifikattiv li kellu bħala konsegwenza li dawn il-konsumaturi ma setgħux jieħdu t-tijira tagħhom minn dan l-ajruport li jinsab fit-territorju tal-Istat Membru l-ieħor, dawn il-konsumaturi jistgħu jinvokaw drittijiet stabbiliti mir-Regolament 261/2004 u jeżiġu kumpens konformement mal-Artikoli 5, 6 u 7 tar-Regolament 261/2001?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10.